# It-Toroq ta' Ħal Balzan tul l-aħħar Mitt Sena

**Carmel Bezzina, BA, MA, MEd (Bristol)**

Qatt ħlomtu kif seta' kien Ħal Balzan mitt sena ilu? Għalkemm nistgħu nobsru li dan ir-raħal kien iżgħar u wisq differenti milli huwa llum, forsi ftit nemmnu li l-bidla tul l-aħħar seklu kienet kbira, anzi kbira ħafna. Il-bidla li seħħet fl-infrastruttura ta' Ħal Balzan, f'dak li għandu x'jaqsam mal-espansjoni tiegħu bil-ftuħ ta' toroq ġodda u l-bini ta' djar u appartamenti ġodda, bilkemm titwemmen. Mur ġib lil niesna ta' mitt sena ilu, u ħallihom jimirħu madwar ir-raħal illum! Bla ebda dubju, jaħsbu li qegħdin f'xi lokalità oħra li huma ma jafuhiex. Biex inkunu għedna kollox, irridu ngħidu wkoll li dak li għadda minnu Ħal Balzan huwa minjatura tat-trasformazzjoni li ġarrbet il-gżira tagħna tul l-aħħar seklu.

F'din il-kitba se naraw il-bidla li għadda minnha Ħal Balzan f'dawn l-aħħar mitt sena, fil-kuntest tal-espansjoni tiegħu u t-toroq ġodda li nfetħu. Din ir-riċerka hija mibnija fuq tagħrif miġbur mill-Gazzetta tal-Gvern, miċ-Ċensimenti u mir-Reġistri Elettorali bejn l-1901 u s-sena 2000.[1]

### L-Ewwel Snin tas-Seklu 20

Fi ftuħ is-seklu 20, Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 1096 ruħ, li minnhom 446 kienu rġiel u 650 kienu nisa.[2] Fl-għaxar snin ta' wara, il-popolazzjoni żdiedet bi kważi mitejn ruħ għal 1263 persuna (521 raġel u 742 mara).[3] Skont iċ-ċensiment tal-1921, il-popolazzjoni reġgħet żdiedet b'ħamsin ruħ u telgħet għal 1313 (517-il raġel u 796 mara).[4] Sa mill-aħħar snin tas-seklu 19 u tul l-ewwel għoxrin sena tas-seklu 20, għalkemm it-territorju ta' Ħal Balzan kien, bejn wieħed u ieħor, dak li hu llum, il-firxa tal-bini kienet għadha limitata ħafna. Tneħħi xi binjiet u rziezet mifruxin 'l hawn u 'l hinn mal-medda tar-raħal, id-djar residenzjali kienu miġburin prattikament f'ħames toroq.

It-triq ewlenija tar-raħal kienet tissejjaħ Strada Reale, billi dak iż-żmien l-ismijiet tat-toroq kienu għadhom bit-Taljan, li kien għadu l-ilsien uffiċjali ta' dawn il-gżejjer. Strada Reale kienet tibda min-naħa t'isfel tar-raħal, fejn Ħal Balzan imiss ma' Birkirkara, tibqa' tielgħa 'l fuq sakemm taqbeż il-knisja parrokkjali, u tasal sa salib it-toroq fejn ir-raħal jingħaqad ma' Ħal Lija u Ħ'Attard. Minn din it-triq kienu joħorġu Strada Tre Chiese u Strada Provvidenza, ftit 'l isfel mill-knisja parrokkjali, u Strada Santa Maria u Strada San Antonio, 'il fuq mill-knisja. Dawn it-toroq kellhom l-isqaqien, jew *vicoli*, tagħhom.[5]

Mill-istatistika għax-xahar ta' Ġunju 1921, ma' dawn il-ħames toroq li semmejna, jissemmew ukoll dawn it-toroq: Strada Imrieħel, Strada San Antonio Via Birkirkara (dik li llum hija Triq Birbal), Strada Idmejda, Strada Vallone (illum Wied Ħal Balzan), Strada Naxaro, u Vicolo Barrieri (illum Triq il-Barriera).[6] Sentejn wara (1923) tibda tissemma Strada San Francesco.[7] Mill-1924 jissemmew ukoll Piazza Balzan u Strada dietro la Chiesa.[8] Dak iż-żmien, bħalma wieħed jista' jistħajjel, il-wesgħa ta' wara l-knisja, fejn illum hemm il-*playing field*, ma kinitx teżisti, u għalhekk it-triq dejqa ta' wara l-knisja, illum imsemmija għal Dun Spir Sammut, kienet tibqa' ddur minn wara s-sagristija u l-kor tal-knisja sal-pjazza ta' taħt il-kampnar. Strada San Rocco tissemma għall-ewwel darba fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Marzu 1925.[9] Hawn ta' min wieħed josserva li dawn it-toroq, jew għallinqas uħud minnhom, x'aktarx kienu diġà jeżistu qabel, imqar bħala trejqiet jew mogħdijiet, però, billi ma kinux abitati minn nies li kellhom id-dritt jivvutaw għall-Kunsill tal-Gvern, ma jissemmewx fir-reġistri elettorali.[10] Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Lulju 1927, tissemma Piazzetta Casal Balzan, isem li x'aktarx huwa varjant jew modifika tal-isem Piazza Balzan.[11]

### Is-Snin 30

Fil-bidu tas-snin 30, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan telgħet għal 1661 ruħ, żieda ta' kważi 350 ruħ fuq iċ-ċensiment ta' għaxar snin qabel. Dawn kienu mqassmin hekk: 685 raġel, u 976 mara.[12] Fit-tletinijiet naraw jibda l-iżvilupp tal-medda art bejn Strada Reale u l-Ġnien ta' Sant'Anton sal-Kunvent tal-Bon Pastur. Fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern li diġà semmejna, tas-7 ta' Lulju 1927, jissemma Vicolo 1 fi Strada Idmejda.[13] Meta tqis li din it-triq qatt ma kellha sqaqien, nistgħu nikkonkludu li dan l-isqaq kien il-bidu ta' dik li kellha tkun Triq Sisner, li jidher li bdiet tifforma ruħha dik il-ħabta. Fil-fatt Sisner Street – din id-darba l-isem jingħata bl-Ingliż – tissemma għall-ewwel darba fl-1930. Fl-

istess ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern, Strada Naxaro tibda tissejjaħ Strada Naxaro e Musta. Ninnutaw ukoll li ż-żewġ toroq bl-istess isem, Strada San Antonio u Strada San Antonio Via Birkirkara, biex tiġi evitata kull ambigwità, bdew jissejħu Strada San Antonio (Upper) u Strada San Antonio (Lower) rispettivament. Interessanti wkoll li minn din l-edizzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern jinqata' l-użu tal-kelma Taljana *vicolo* u tidħol flokha l-kelma Ingliża *alley*.[14]

Din il-parti l-ġdida ta' Ħal Balzan kompliet tiżviluppa bil-ftuħ ta' St Valentine Street, li tissemma għall-ewwel darba fil-*Malta Government Gazette* tal-5 ta' Frar 1932.[15] Anke f'dan il-każ, l-isem tat-triq insibuh bl-Ingliż. Din it-triq ħarġet minn Strada Reale, ftit 'il fuq mill-knisja parrokkjali, ingħaqdet ma' Triq Sisner, u baqgħet sejra lejn Sant'Anton sakemm iltaqgħet ma' Triq Idmejda. Lejn tmiem is-snin 30, fuq l-għatba tal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, tissemma għall-ewwel darba Old Railway Track, li l-Balzanin isibuha bħala l-Linja, billi minnha kienet tgħaddi l-ferrovija bejn is-snin 1883 u 1931.[16] 'Il quddiem din it-triq bdiet tissejjaħ Triq il-Ferrovija l-Qadima (Old Railway Road).[17]

## L-Ismijiet tat-Toroq: mit-Taljan għall-Ingliż u l-Malti

F'dan il-kuntest ta' min wieħed jikkummenta dwar kif l-Ingliż u l-Malti ħadu post it-Taljan fl-għoti tal-ismijiet lit-toroq tagħna. Il-bidu tas-snin 30 tas-seklu li għadda kien karatterizzat minn dik li baqgħet magħrufa bħala l-'Kwistjoni tal-Lingwa'. Fil-qofol tagħha, din il-kwistjoni kienet iddur fuq liema mit-tliet lingwi użati f'Malta kellhom jitqiesu uffiċjali u għalhekk kellhom ikunu mgħallma fl-iskejjel. Il-Malti, minkejja li għal sekli sħaħ kien l-ilsien waħdieni li kien jifhem u jitħaddet il-poplu, ma kellux il-ġieħ u r-rikonoxximent mistħoqq. Min-naħa l-oħra, it-Taljan, li dak iż-żmien kien wieħed miż-żewġ lingwi uffiċjali, sa minn bosta snin qabel kien l-ilsien tal-edukazzjoni u l-kultura f'Malta. L-ilsien uffiċjali l-ieħor kien l-Ingliż, li kien meqjus utli ħafna billi Malta kienet kolonja tal-Imperu Britanniku, u allura kien użat fl-amministrazzjoni tal-pajjiż.

Biex jinstab tarf din il-kwistjoni, fi Frar 1931 il-Gvern ħatar Kummissjoni Rjali bil-għan li tistħarreġ is-sitwazzjoni u tissuġġerixxi rimedji għal soluzzjoni. Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha f'Jannar 1932. Dan wassal biex, eventwalment, l-Ingliż u l-Malti saru l-lingwi uffiċjali tal-pajjiż, u fl-1 ta' Jannar 1934 saħansitra l-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti saret l-ortografija uffiċjali.[18] Din l-ortografija ġiet introdotta fl-amministrazzjoni u bdiet tintuża fil-Gazzetta tal-Gvern u f'pubblikazzjonijiet uffiċjali oħra.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi lingwistiċi, b'notifikazzjoni tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Diċembru 1936, l-ismijiet tat-toroq fil-gżejjer tagħna issa saru bl-Ingliż u bil-Malti. Għall-interess tal-qarrejja, qed nirriproduċi l-ismijiet tat-toroq ta' Ħal Balzan, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż (fil-każ tal-Ingliż, l-ismijiet jidhru fil-parentesi): Triq Sant'Anton (St Anthony's Street); Triq Santa Marija (St Mary's Street); Triq Idmejda (Idmejda Street); Triq it-Tliet Knejjes (Three Churches Street); Triq San Rokku (St Rocco's Street); Triq il-Providenza (Providence Street); Triq San Franġisk (St Francis' Street). Vicolo Barrieri sar Triq il-Barriera (Quarry Street), filwaqt li Strada Dietro la Chiesa saret Triq il-Knisja (Church Street), u Piazza Casal Balzan saret Misraħ Ħal Balzan (Balzan Square). Strada Vallone Balzan saret Wied Ħal Balzan (Balzan Valley), Strada Naxaro e Musta saret Triq in-Naxxar (Naxxar Road), u Via Birkirkara saret Triq Birkirkara (Birkirkara Road). Jissemmew ukoll Triq it-Twila (Long Street) u Strada Molino, li saret Triq il-Mitħna (Windmill Street).[19]

## Is-Snin 50 u 60

Ma' tmiem il-Gwerra, l-ewwel Reġistru Elettorali li niltaqgħu miegħu, wara dak tat-30 ta' Ġunju 1939, huwa r-Reġistru tad-29 ta' Awwissu 1947. Tul dawn is-snin it-toroq tar-raħal baqgħu dawk li kienu qabel il-Gwerra, ħlief li tissemma wkoll Main Street (Lija). Din tiġbor fiha ftit djar li, għalkemm jinsabu fit-Triq il-Kbira tar-raħal ġar tagħna, baqgħu jagħmlu ma' Ħal Balzan.[20] Sena wara (1948) sar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin. Minn dan iċ-ċensiment toħroġ ċara ż-żieda qawwija fil-popolazzjoni ta' Ħal Balzan, effett tal-ħafna refuġjati li kienu ġew joqogħdu f'dan ir-raħal tul is-snin tal-Gwerra, u li ħafna minnhom kienu għadhom joqogħdu hawn. Fil-fatt Ħal Balzan issa sar l-ikbar fost it-Tliet Irħula. Skont dan iċ-ċensiment, Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 2637 ruħ (1131 raġel u 1506 nisa). Dan ifisser żieda ta' kważi 59% fuq il-popolazzjoni li kellu r-raħal fl-1931.[21]

Tul is-snin 50 issoktat l-espansjoni tar-raħal. Fir-Reġistru Elettorali ta' April 1952 jissemmew tliet toroq ġodda: waħda f'Wied Ħal Balzan, oħra fit-Triq il-Kbira, u l-oħra fi Triq San Valentin.[22] It-triq il-ġdida f'Wied Ħal Balzan hija dik li biż-żmien żviluppat fi Triq it-Tabib Zammit (Dr Zammit Street),[23] u t-triq il-ġdida fi Triq San Valentin illum hija t-Trejqa tal-Papa Alessandru VII (Pope Alexander VII Junction). L-isem uffiċjali ta' din it-triq – Pope Alexander VII Junction – insibuh għall-ewwel darba fir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 1953.[24] F'dan l-istess reġistru elettorali jissemma Church Alley, li eventwalment sar Triq l-Annunzjata (Annunciation Street).[25]

Sa nofs is-snin 50 il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan baqgħet pjuttost stabbli. Skont iċ-ċensiment tal-1957, ir-raħal kellu popolazzjoni ta' 2734 ruħ, żieda ta' ftit inqas minn mitt ruħ fuq l-għadd ta' nies ta' disa' snin qabel (1948).[26] Tul dawn is-snin beda jseħħ l-iżvilupp taż-żona tal-Linja, medda art sabiħa bejn St Anthony Street (Lower) u t-triq tar-Rabat, kollha raba' u għelieqi li minn nofshom fl-imgħoddi kienet tgħaddi l-ferrovija. Fir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 1956 tissemma għall-ewwel darba St Anthony's Junction.[27] Din biż-żmien żviluppat fi Vjal De Paule (De Paule Avenue), triq wiesgħa b'żewġ karreġġjati mifrudin b'faxxa ħamrija mħawla b'arbuxxelli ħadrana u siġar tal-palm, faċċata tal-bieb ta' Sant'Anton. Fir-Reġistru Elettorali ta' April 1957 jissemma l-isem uffiċjali li ngħata lit-triq tar-Rabat: Triq Notabile jew Triq l-Imdina (Notabile Road, jew Imdina Road).[28] Sentejn wara bdew jidhru l-ismijiet tal-ewwel residenti f'żewġ toroq ġodda f'din iż-żona.[29] Aktar tard dawn it-toroq issemmew Vjal il-Bon Pastur (Good Shepherd Avenue) u Vjal Sir Michelangelo Refalo (Sir Michelangelo Refalo Avenue). Dawn l-ismijiet kienu ppubblikati uffiċjalment fir-Registru Elettorali tas-7 ta' April 1964.

## Is-Snin 70 u 80

Tul is-sittinijiet, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan żdiedet b'mod relattivament qawwi. Minn popolazzjoni ta' 2734 ruħ fl-1957, din telgħet għal 3301 fl-1967, żieda ta' 567 ruħ f'temp ta' għaxar snin.[30] Din iż-żieda fissret il-ftuħ ta' toroq ġodda u t-tlugħ ta' aktar bini u, sfortunatament, it-telf ta' ħafna ħamrija, siġar u ġonna li Ħal Balzan kien tant magħruf għalihom. Dan l-iżvilupp ma ssoktax biss lejn in-naħa tal-Linja, imma issa mess ukoll il-qalba tar-raħal. Tul is-snin 70 bdiet tiġi żviluppata l-medda art wara l-knisja parrokkjali, bejn il-Misraħ u Wied Ħal Balzan, fuq wara ta' Triq it-Tliet Knejjes.

Fir-Reġistru Elettorali tal-1971, fix-xaqliba tal-Linja, tissemma għall-ewwel darba triq ġdida fi Triq il-Ferrovija l-Qadima.[31] Biż-żmien minn din it-triq issawru Triq il-Paguni u Triq il-Karenza. Fiż-żona ta' wara l-knisja, fis-sena 1972 tissemma Triq Ġdida f'Wied Ħal Balzan.[32] Minn din it-triq żviluppaw Triq Sir Antonio Micallef u Triq Ġulju Cauchi. Is-sena ta' wara (1973) żdiedu żewġ toroq oħra: Triq Ġdida fi Triq San Franġisk, li aktar tard issemmiet Triq il-Qarċilla, u Triq il-Kardinal Cardijn, triq qasira li tgħaqqad Triq Sant'Anton ma' Triq Idmejda.[33] Bejn wieħed u ieħor f'dan l-istess żmien, infetħet triq li wkoll tgħaqqad Triq Idmejda ma' Triq Sant'Anton. Hija triq wiesgħa, mingħajr djar residenzjali, li tgħaddi minn nofs l-art tas-Sorijiet tal-Bon Pastur. Din it-triq, li ssemmiet Wesgħa Prof. Ġużè Aquilina, malajr bdiet isservi bħala arterja għat-traffiku li jkun ġej min-naħa ta' fuq ta' Malta, bħall-Mosta u n-Naxxar, għan-naħa t'isfel billi s-sewwieqa sabuha komda biex iqassru t-triq u jevitaw il-konġestjoni tal-Wied ta' Birkirkara. Sfortunatament, b'riżultat tal-ftuħ ta' din it-triq, beda jgħaddi mill-qalba ta' Ħal Balzan volum ta' traffiku, l-aktar fis-sigħat mgħaġġla ta' filgħodu, li tellef ħafna mill-kwiet u s-serenità ta' dan ir-raħal.

Bejn is-snin 1974 u 1980 ninnutaw żvilupp mgħaġġel tal-ftit art li kien baqa' wara l-knisja. Fir-Reġistru Elettorali ta' April 1975 tissemma triq ġdida wara l-knisja parrokkjali.[34] Eventwalment din issemmiet Triq Balaguer. Is-sena ta' wara (1976) jissemmew żewġ toroq oħra f'din iż-żona: Triq Ġużè Bonnici u Triq Ġdida fi Triq l-Annunzjata, li żviluppat fi Triq Siġismondo Dimech.[35] Fl-1977 Triq Sir Antonio Micallef, li diġà semmejna, ngħatat l-isem uffiċjali tagħha.[36] Triq ġdida oħra f'din ix-xaqliba, li tissemma għall-ewwel darba fl-1980, hija dik imsemmija għal Antonio Bosio.[37] Lura lejn in-naħa tal-Linja, din id-darba lejn il-periferija tar-raħal, fejn Ħal Balzan imiss ma' Birkirkara qrib il-Kulleġġ San Alwiġi, niltaqgħu ma' triq ġdida oħra, li eventwalment issemmiet Triq Pietru Pawl Castagna. Fl-istess ħarġa tar-Reġistru Elettorali (1979) tissemma Triq Ġdida fi Triq San Franġisk, li aktar tard issemmiet Triq il-Ħaraġ. Illum din it-triq inbidlilha isimha għal Triq Patri Ġużè Delia.[38]

Fis-snin 70 u 80, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan issoktat tikber, kif jidher miċ-ċensiment tal-1985. Issa Ħal Balzan kellu 4781 ruħ, żieda ta' 1480 ruħ fuq iċ-ċensiment tal-1967. Dan ifisser żieda ta' kważi 45%. Għaldaqstant tul is-snin 80 issokta l-iżvilupp infrastrutturali tar-raħal bil-ftuħ ta' aktar toroq. Fir-Reġistru Elettorali tat-30 ta' April 1982, tissemma Triq B. Bontadini; parti minn din it-triq tagħmel ma' Ħal Balzan, u l-bqija tagħha, fejn hemm l-iskola sekondarja tal-bniet tal-Kulleġġ Santa Tereża, tagħmel ma' Birkirkara. Tissemma wkoll Triq Birbal, l-isem il-ġdid li ngħata lil dik li kienet Triq Sant'Anton jew St Anthony Street (Lower). Jissemmew ukoll Dawret Birkirkara u Triq Ġdida f'Dawret Birkirkara,[39] li mbagħad issemmiet Triq Ċensu Busuttil. Dawn l-aħħar żewġ toroq eventwalment saru jagħmlu parti mil-lokalità tal-Iklin. Fir-Reġistru Elettorali tas-sena ta' wara (1983), tissemma Triq il-Mitħna (Windmill Street),[40] triq ċkejkna ħafna bejn Triq in-Naxxar u Wied Ħal Balzan.

Issa kien wasal iż-żmien li l-ħafna toroq li nfetħu fis-snin 70 u 80 jingħataw l-isem uffiċjali tagħhom. Dawn l-ismijiet dehru għall-ewwel darba b'mod uffiċjali fir-Reġistru Elettorali tal-31 ta' Ottubru 1984. Dawn huma t-toroq f'ordni alfabetiku: Triq Antonio Bosio, Triq Balaguer (li qabel kienet Triq Ġdida wara l-Knisja Parrokkjali), Triq Ġulju

Cauchi (qabel Triq Ġdida f'Wied Ħal Balzan), Triq il-Ħaraġ (li ħarġet minn Triq San Franġisk u li aktar tard issemmiet Triq Patri Ġużè Delia), Triq il-Karenza u Triq il-Paguni, toroq li ħarġu minn Triq il-Ferrovija l-Qadima, u Triq Siġismondo Dimech (qabel magħrufa bħala Triq Ġdida fi Triq l-Annunzjata). Ingħataw l-isem ukoll dawn it-toroq: Triq l-Għerusija u Triq il-Ġustizzja, żewġ toroq oħra fiż-żona ta' wara l-knisja. Triq l-Għerusija tiġi bejn Triq il-Ġustizzja u Triq Wiġi Muscat, filwaqt li Triq il-Ġustizzja tgħaqqad Triq Sir Antonio Micallef ma' Triq Siġismondo Dimech. Tissemma wkoll Triq il-Kannizzata, fix-xaqliba tal-Linja. Din it-triq tibda minn Triq Birbal u tibqa' tielgħa sa Triq B. Bontadini. F'dan l-istess Reġistru Elettorali jissemmew ukoll Triq Ċensu Busuttil, Triq Ġużeppi Calleja, u Triq Ġdida f'Dawret Birkirkara, imma dawn illum jagħmlu mal-lokalità tal-Iklin, kif diġà ssemma.[41]

Fl-1984 Triq Ġdida f'Wied Ħal Balzan issemmiet għall-iskultur Balzani Wiġi Muscat.[42] Fir-Reġistru Elettorali ta' April 1985, minbarra xi toroq li diġà ssemmew fir-reġistru elettorali ta' qabel, tissemma triq ġdida: Triq Ġużeppi Frendo, li qabel kienet Triq Ġdida f'Wied Ħal Balzan.[43]

## Is-Snin 90

Għas-snin 90 għandna ċ-ċensiment li sar fis-sena 1995. Skont dan iċ-ċensiment, għall-ewwel darba f'aktar minn mitt sena, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan naqset, u naqset b'mod qawwi. Issa Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 3560 ruħ (1756 raġel u 1804 nisa), 1221 ruħ inqas mill-1985 (jew 25.54%). Apparti raġunijiet demografiċi, fis-sens li r-rata tat-twelid ta' trabi ġodda kienet diġà bdiet turi tnaqqis, hemm il-fatt li xi toroq fil-periferija tar-raħal, fejn Ħal Balzan imiss ma' Birkirkara, ġew allokati lil Birkirkara, bidla li aktar tard treġġgħet lura.[44] Fil-fatt, skont ir-Reġistru Elettorali tas-sena 2005, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan reġgħet telgħet għal 3869 ruħ.[45]

Tul dan l-aħħar deċennju tas-seklu 20, ftit kienu l-bidliet li seħħew fil-fiżjonomija ġeografika tar-raħal. Però nsibu bidliet fl-ismijiet ta' xi toroq. Hekk, ngħidu aħna, skont Avviż Nru 683 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Novembru 1989, dik il-parti tat-Triq il-Kbira fejn hemm l-Għassa tal-Pulizija, il-Każin Marija Annunzjata, il-każin tal-futbol Balzan Youths, u l-Mid-Med Bank (illum l-HSBC), ngħatat l-isem Pjazza Bertu Fenech, Benefattur (1914–1968). Skont dan l-avviż ukoll, Sqaq Nru 2 ta' Triq it-Tliet Knejjes, li ma baqax aktar sqaq meta ġie jinfed ma' Triq Balaguer, issa ssemma Triq Mons. F.X. Zahra, Kappillan (1883–1978), u Sqaq Nru 3 fit-Triq il-Kbira, li kien sar jinfed ma' Trejqet il-Papa Alessandru VII, issemma Triq Valent Muscat, Għalliem (1913–1988).[46] Żewġ toroq oħra li nbidlilhom isimhom f'dan iż-żmien huma: Triq il-Ħaraġ, li ssemmiet għall-poeta Patri Ġużè Delia (1900–1980),[47] u Triq il-Ġustizzja, li ssemmiet għas-saċerdot Balzani Dun Ġwann Zammit Hammet (1928–1990), li kien Viċi Kappillan tal-parroċċa.[48]

Mogħdija qalb ir-raba' fl-inħawi magħrufa bħala z-Zekkuk, li tinfed ma' Sqaq Numru 2 fi Triq Santa Marija, tul l-aħħar snin tas-seklu 20 ngħatat għall-bini u ssawret fi triq li fl-1995 issemmiet Triq iz-Zekkuk.[49] Is-sena ta' wara, it-triq li dari konna nsibuha t-triq ta' wara l-knisja, li mbagħad estendiet ruħha fuq wara tal-bandli lejn Triq Ġużè Bonnici, issemmiet Triq Dun Spir Sammut, Katekist (1907–1987).[50] Fl-istess ħarġa tar-Reġistru Elettorali jissemma Sqaq fi Triq Lord Strickland, imma dan ġie kklassifikat mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard. L-aħħar żewġ toroq li jissemmew qabel dħul is-seklu li qegħdin fih huma Triq San Gabriel, triq żgħira lejn l-Imrieħel bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata, faċċata ta' Triq Bontadini,[51] u Triq Wiġi Ebejer, li qabel kienet Triq Ġdida fi Triq l-Annunzjata.[52] Din it-trejqa tgħaqqad Triq l-Annunzjata ma' Triq Ġużè Bonnici.

## Konklużjoni... u Suġġeriment

Issa nistgħu ngħidu li n-nisġa tat-toroq f'Ħal Balzan hija sħiħa; ma jidhirx li għad baqa' aktar toroq ġodda x'jinfetħu fir-raħal. Sfortunatament, dan wassal għal fenomenu ieħor. Biex jiġu akkomodati residenti ġodda li jixtiequ jiġu joqogħdu f'dan ir-raħal, qed naraw it-twaqqigħ sistematiku ta' djar u vilel, li wħud minnhom ma kinux ilhom mibnija aktar minn tletin sena, biex flokhom jittellgħu blokki ta' appartamenti li, fil-fehma tiegħi, l-estetika ta' wħud minnhom mhux dejjem taqbel mal-karattru ta' dan ir-raħal. B'xorti ħażina, dawn qed itellfu mill-ġmiel karatteristiku ta' Ħal Balzan u joħolqu problemi ġodda. Min jaf il-Balzanin ta' dari, li tant kienu kburin bir-raħal tagħhom, x'kienu jgħidu quddiem din ir-realtà ġdida?

Ħaġa oħra li tnikkitni, u li ma nistax ma nsemmihiex fl-għeluq ta' din il-kitba, hija li fl-għoti tal-ismijiet lil uħud minn dawn it-toroq ġodda ma ntwerietx sensittività biżżejjed u ma saritx ġustizzja ma' nies li ħadmu ħafna għal dan ir-raħal u li ma ssemmiet l-ebda triq għalihom. Għaliex f'Ħal Balzan għandna Triq il-Paguni, Triq il-Karenza, Triq il-Qarċilla, Triq il-Kannizzata, u Triq l-Għerusija, fost oħrajn, imbagħad m'għandniex triq imsemmija għall-Konti Bernardo Manduca (1891–1971), li twieled, għex, u miet Ħal Balzan, u li kien benefattur kbir tal-knisja parrokkjali, u triq oħra li ġġib isem Mons. Dun Ġwann Dimech (1922–2009), li ħallielna l-istorja tar-raħal, xogħol serju ta' riċerka

li jagħmel ġieħ lir-raħal tagħna? Inkun qed nistenna wisq mill-Kunsill Lokali li nitolbu jieħu ħsieb isewwi din l-anomalija?

---

**Nota:** Ħajr lil Edward Grech tal-għajnuna tiegħu fit-tħejjija tal-mappa li turi l-iżvilupp tat-toroq f'Ħal Balzan.

**Referenzi**

1 Huwa suġġerit li din ir-riċerka tintrabat ma' kitba oħra tal-istess awtur bl-isem 'L-Ismijiet tat-Toroq f'Ħal Balzan', f'Carmel Bezzina, Ħal Balzan u l-Lunzjata *u kitbiet oħra*, Malta: 2011, pp.67-72.
2 Ara ċ-Ċensiment tas-sena 1901.
3 Ċensiment 1911.
4 Ċensiment 1921.
5 Ara *The Malta Government Gazette* (*MGG*) tal-25 ta' Frar 1920, p.140, u *Ibid*., 16 ta' Frar 1921, pp.138-139.
6 *MGG*, Suppliment Nru XXXIII, 22 ta' Lulju 1921, p.312, u *Ibid*., 9 ta' Settembru 1921, pp.751-752.
7 *MGG*, 28 ta' Frar 1923, p.217.
8 *MGG*, 28 ta' Frar 1924, pp.249-250.
9 *MGG*, 31 ta' Marzu 1925, pp.312-313.
10 Hawn tajjeb li nfakkru li dak iż-żmien kellhom id-dritt jivvutaw biss l-irġiel li kienu intitolati jservu bħala ġurati. Dawn riedu jkunu ta' 'l fuq minn 21 sena, li jkunu jafu bl-Ingliż jew bit-Taljan, li kellhom dħul ta' mitt skud fis-sena minn xi proprjetà, jew li jħallsu renta ta' ħamsin skud, jew li kienu msieħba f'negozju ma' min kellu waħda jew l-oħra minn dawn il-kwalifiki. Ara Henry Frendo, *Storja ta' Malta* Vol. III, Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004, p.156. Ara wkoll Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Pajjiżna fl-Isfond Storiku 1800–2013*, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2013, p.21.
11 *MGG*, 7 ta' Lulju 1927, p.509.
12 Ċensiment 1931.
13 *MGG*, 7 ta' Lulju 1927, p.509.
14 *MGG*, Suppliment Nru IX, 7 ta' Frar 1930, pp.344-346.
15 *MGG*, Suppliment Nru III, 5 ta' Frar 1932, p.59.
16 Ara r-Reġistru Elettorali (RE) tat-30 ta' Ġunju 1939.
17 RE, 7 ta' April 1964.
18 L-Ingliż u l-Malti issa saru l-lingwi uffiċjali ta' Malta, u t-Taljan tneħħa għalkollox mill-uffiċċji kollha tal-Gvern u mill-iskejjel primarji, u baqa' biss fil-kurrikulu tal-iskejjel sekondarji, fil-Liċeo, u fl-Università bħala suġġett sussidjarju. Għal aktar dettalji, ara Carmel Bezzina, *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti*, Malta: Pubblikazzjoni Preca, 2006, pp.55-76.
19 *MGG*, 10 ta' Diċembru 1936, p.1138.
20 RE, 29 ta' Awwissu 1947.
21 Ċensiment 1948.
22 RE, 29 ta' April 1952.
23 L-isem uffiċjali ta' din it-triq insibuh reġistrat għall-ewwel darba fir-Reġistru Elettorali tas-7 ta' April 1964.
24 RE, 16 ta' Ottubru 1953.
25 L-isem uffiċjali ta' din it-triq jidher għall-ewwel darba fir-Reġistru Elettorali tas-7 ta' April 1964.
26 Ċensiment 1957.
27 RE, 29 ta' Ottubru 1956.
28 RE, 29 ta' April 1957.
29 RE, 31 ta' Ottubru 1959.
30 Ċensiment 1967.
31 RE, 13 ta' April 1971.
32 RE, 30 ta' Ottubru 1972.
33 RE, 13 ta' Ottubru 1973.
34 RE, 28 ta' April 1975.
35 RE, 30 ta' April 1976.
36 RE, 28 ta' April 1977.
37 RE, 31 ta' Ottubru 1980.
38 RE, 29 ta' Ottubru 1979.
39 RE, 30 ta' April 1982.
40 RE, 28 ta' April 1983.
41 RE, 31 ta' Ottubru 1984 u 30 ta' April 1985.
42 Ara Avviż Nru 890 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Ottubru 1984.
43 RE, 30 ta' April 1985.
44 Skont ir-Reġistru Elettorali ta' April 1995, dawn it-toroq ġew klassifikati mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara: Triq Ġużeppi Frendo, Triq il-Kbira (il-parti t'isfel), Triq in-Naxxar, Triq P.P. Castagna, Triq it-Tabib Zammit, u Wied Ħal Balzan.
45 Ċensiment 2005.
46 RE, April 1990.
47 Ara Avviż Nru 708 fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Novembru 1990.
48 RE, Ottubru 1991.
49 RE, April 1995.
50 RE, April 1996.
51 RE, April 1999.
52 RE, April 2000.



## Il-Każin tal-Banda San Gabriel jirringrazzja

- Lill-benefatturi kollha tas-Soċjetà.
- Lil dawk li matul is-sena jieħdu inizjattiva li jżidu jew jirrestawraw l-armar tal-festa.
- Lil dawk li jlibbsu t-toroq bl-armar tal-festa u wara jżarmaw kollox.